

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professionist Legali](#) > [Tradutturi/Interpreti Legali](#) > [Slovakia](#)

Tradutturi/Interpreti legali

Il-kontenut ipprovdut minn
Slovakkja

Slovakkja



Din il-paġna tiġbor fil-qosor informazzjoni dwar il-lista ta' tradutturi u ta' interpreti Slovakkji.

X'informazzjoni tinkludi fiha l-lista ta' tradutturi u ta' interpreti Slovakkji?

Il-lista ta' esperti, ta' interpreti u ta' tradutturi miżmuma mill-Ministeru tal-Ġustizzja tas-Slovakkja (*Ministerstvo spravodlivosti Slovenskej republiky*) tinkludi taqsima tal-interpreti u taqsima tat-tradutturi, bid-dettalji ta' 1 341 traduttur u ta' 1 240 interpretu li ngħataw l-awtorizzazzjoni biex iwettqu attivitajiet ta' traduzzjoni jew ta' interpretazzjoni skont l-Att Nru 382/2004 dwar l-esperti, l-interpreti u t-tradutturi u li jemenda ċerti atti oħra u li huma jew li kienu inklużi fil-lista ta' esperti, ta' interpreti u ta' tradutturi.

Il-lista ta' esperti, ta' interpreti u ta' tradutturi fiha taqsima separata għall-interpreti u taqsima separata għat-tradutturi. Din il-bażi tad-data hi disponibbli bis-Slovakk biss.

L-interpreti u t-tradutturi kollha mdaħħlin fil-lista ta' esperti, ta' interpreti u ta' tradutturi fit-taqsima rilevanti skont il-lingwi tagħhom huma awtorizzati jużaw l-identifikaturi maħruġa mill-Ministeru tal-Ġustizzja tas-Slovakkja, jiġifieri l-karta ta' identifikazzjoni tal-interpretu/tat-traduttur u t-timbru uffiċjali tal-interpretu/tat-traduttur.

L-aċċess għal-lista ta' tradutturi u ta' interpreti hu mingħajr ħlas?

L-aċċess għal-lista u t-tiftix ta' tradutturi u ta' interpreti huma mingħajr ħlas.

Kif nista' nsib traduttur jew interpretu fis-Slovakkja?

Informazzjoni dwar interpreti u tradutturi tista' tinkiseb mis-sit web tal-[Ministeru tal-Ġustizzja tar-Repubblika Slovakkja](#), fit-taqsima tar-*Reġistri*, billi tagħżel *l-għażla tat-Tradutturi jew tal-Interpreti*.

Id-dettalji ta' kuntatt tat-tradutturi u tal-interpreti (kif ukoll informazzjoni oħra, fejn xierqa) jistgħu jifittxu fuq is-sit web. It-tradutturi u l-interpreti individwali jistgħu jifittxu skont in-numru tar-reġistrazzjoni, il-lingwa, l-isem u l-kunjom, il-muniċipalità, id-distrett, ir-reġjun tagħhom jew skont kwalunkwe taħlita ta' dawn l-oqsma. Meta tintgħażel persuna partikolari mir-riżultati tat-tfittxija, tintwera informazzjoni dettaljata, bħad-dettalji ta' kuntatt tagħha, l-ambitu tal-awtorizzazzjoni tagħha biex twettaq attivitajiet ta' interpretazzjoni jew ta' traduzzjoni u d-data tal-bidu (u, fejn xieraq, id-data ta' skadenza wkoll) tal-awtorizzazzjoni, is-sanzjonijiet imposti matul l-aħħar tliet snin b'rabta mat-twettiq tal-attivitajiet tagħha; fil-każ ta' projbizzjoni, l-entrata tispeċifika l-perjodu li matulu tkun tapplika l-projbizzjoni, informazzjoni dwar is-sospensjoni temporanja tal-attivitajiet, inklużi d-dettalji tal-bażi legali, id-data tal-bidu tas-sospensjoni temporanja u d-data tat-tmiem tas-sospensjoni, informazzjoni dwar l-interruzzjoni tal-attivitajiet, inklużi d-data tal-bidu u d-data tat-tmiem tal-interruzzjoni, in-numru ta' reġistrazzjoni u informazzjoni aġġornata dwar l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili.

Links relatati

[Lista ta' interpreti](#)

■ L-aħħar aġġornament: 20/09/2022

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.